*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 46**

**It-Tlieta 17 ta' Jannar 2023.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixrid tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**46.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienx hemm ittri t'apoloġija.

**46.2.1** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 44 li saret Nhar it-l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022:</u>***

46.2.1.1 Il-Kunsillier s-Sur John B Camilleri talab biex paġna 6 ir-raba` paragrafu jinbidel u jinqara kif ġej.

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li illi hu jħoss li dik hija stima baxxa ħafna biex tixtri luzzijiet oħra u tirrestawrahom.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna ser nipprovdu biss il-materjal u bħala restawr ser jsir bla ħlas.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li trid issir *emebilishment* fejn jitpoġġa il-luzzu għaliex jekk ser jerġa jitpoġġa fuq il-ħamrija ser jiddeterjora. Huwa kompla jispjega illi jrid jitneħħa l-luzzu u jitpoġġa faċċata u ssir *platform* u l-preparamenti tad-dawl qabel ma jerġa jitpoġġa postu.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri staqsa jekk tistax il-pjattaforma issir b'tali mod li tgħaddi l-arja minn taħtu.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet li dak li hemm Marsaxlokk anke ilma għandu għaddej.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser ninfurmaw lil Perit għaliex trid issir applikazzjoni l-*Planning Authority.*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**46.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 44 li saret Nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022.</u>***

**46.2.2.1** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet fuq paragrafu 44.7.5 rigward is-siġar ta ġuda.

Is-Sindku qal li l-ġardinar issuġerixxa li jsiru *washingtonia* minflokk is-siġar ta ġuda għaliex jwaqqu ħafna weraq u jinstaddu l-*culverts*.

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-6.15pm***

**46.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paragrafu 44.2.2.3 staqsa jekk sariet il-laqgħa.

Is-Sindku qal li għadna ma ltaqjniex.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kien qalilhom jew iħaslu il-kirja ta' €7000 fis-sena kif ukoll l-ispejjeż li talbu li jsiru fl-emenedi tal-kostruzjoni u *finishes* jew inkella iħalsu €10,000 bħala kirja li jinkludu fil-prezz l-ispejjeż mifrux fuq 10 snin.

**46.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 paragrafu 44.2.2.8 jekk sarx xi żvilupp fuq il-parkeġġ tal-iskola.

Is-Sindku qal li għadda l-garanzija bankarja hekk kif kien mitlub minnhom lil Prinċipal u Frar għandu jiġi implentat u iffirmat l-MOU.

**46.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 paragrafu 44.2.2.10 jekk hemmx xi *update* fuq ix-xogħolijiet li qed jgħamel il-ġardinar.

Is-Sindku qal illi Pierre reġa ġie jaħdem mal-kuntrattur bħala ġardinar u bħal issa qed jgħamel xogħol ta' ħrit in-naħa ta San Tumas u Keith ser ikun qed jaqta il-ħaxix ta mal-bankini fit-toroq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li sal-ġimgħa l-oħra kien hemm ħafna ħaxix.

Il-Viċi Sindku qalet lis-Sindku sabiex ix-xogħol li jsir għandu jiġi mtella mill-paġna tal-Kunsill l-ewwel u mhux mil-paġna personali tiegħu. Hija qaltlu ukoll li meta jkun xogħol li sar minn xi dipratiment ieħor għandu jittella fil-paġna tal-Kunsill u mhux fil-paġna tiegħu u li għandu jiġi msemmi l-Kunsill kollu u mhux membru partikolari.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li huwa kellu jkun jaf bix-xogħol li qed jgħamel Pierre peress li jaqa taħt id-dekasteru tiegħu.

Is-Sindku qallu li lilhu kien infurmah li ġej Pierre pero` umbgħad huwa jrid joqgħod jiġri warajh.

Il-Viċi Sindku qalet li kull Kunsillier għandu id-dekasteru tiegħu u s-Sindku ma għandux għalfejn jkellem kuntratturi li jaqgħu taħt id-dekasteri li mhux responsabilita tiegħu hu.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkordina lill-Kunsillier is-Sur Charlot Mfisud u l-contracts Manager sabiex jiltaqu flimkien ma Pierre u jagħtu rendikont tax-xogħol li ser jsir kull ġimgħa.

**46.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur john B Camilleri staqsa fuq paġna 11 paragrafu 44.9.6 rigwar l-iskip tal-BCRS ta' ħdejn il-latrina għaliex kontinwament bil-ħmieġ madwara.

Is-Sindku qal li konna kellimnieh.

Il-Viċi Sindku qalet li jekk jibqa ma jitnaddafx ngħamlu bħal ma qed jgħamlu Kunsilli oħra u jgħalqu l-aċċess għalija.

Is-Sindku qal li nisspiċċaw agħar.

Kien hemm qbil li nagħtuh ġimgħa ċans inkella nalqugħa.

**46.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa fuq paġna 8 paragrafu 44.7.9 staqsa jekk il-platform tneħħitx.

Is-Sindku qal li għada hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġimgħatejn ilhu wedgħu li ser jneħħija.

Is-Sindku qal li filkas indaħlu l-Puluzija fijha.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa jekk għalinqas il-kirja għadux iħallasa.

Is-Sindku qal li le.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li nistgħu nibgħatlu ittra fejn ninfurmawh illi la l-kirja għalqitlu ninfurmawh illi qed jikkupa din l-art illegalment u abbużivament u li ser jittieħdu passi kontrih bil-qorti.

**46.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 10 paragrafu 44.9.5 jekk ix-xogħol sarx.

Is-Sindku qal li l-tabelli ser issir u anke il-u shape barrier.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mfisud qal li irridu inħallu aċċess għal minn joqgħod hemm.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li anke biex jidħlu jsewwu id-dawl importanti li jitħalla aċċess.

46.2.2.8 Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 44.2.2.2 rigward l-iskart tal-iskola fejn qal li neħħew l-iskip kif sar ukoll San Tumas.

46.2.2.9 Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 44.3.2 fejn qal li kemm ilha li bdiet l-iskeda l-ġdida kellhu ħafna uġigħ ta ras pero` qed jsir progress iżda għad fadal problema fuq San Tumas minħabba li tneħħew l-iskips u bit-trakk mhux possibli jidħol kullimkien. Huwa qal li anke tal-*cleansing* qed jgħinu pero` sakemm tindara l-iskema u din hija soluzjoni temporanja.

Il-Viċi Sindku qalet illi fit-tender document tat-tender tal-iskart kien hemm stipolat illi l-edukazzjoni ta' din is-sistema l-ġdida kienet responsabilta tal-Kunsill bħal ma għamlu diversi Kunsilli Lokali.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni illi biex insolvu l-problema tal-iskart San Tumas fejn kien hemm l-iskips jsiru tlett *partitions* tal-bricks jew jiddepożiatw l-iskart, waħda tal-borża sewda, waħda tal-iskart seprat u l-ispazju l-ieħor npoġġu skip waħda fejn jitfu l-organiku u forsi nitolbu lir-Reġjun jħallas tas-servizz.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jekk fl-iskip iħaltu il-boroż jispiċċa ma jbattalx l-iskip.

Id-diskussjoni tkompliet bejn il-Kunsilliera.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal jekk bit-trakk jidħol b'lura jkun qed iqassarilhu t-triq lir-runner. Huwa kompla jgħid li mhux l-area kollha hemm l-isqaqin.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li din ir-reġjun għandhom jsibu is-soluzzjoni tagħha.

Is-Sindku qal lil-ilmenti jridu jgħaddu għand il-*contracts manager* u ir-Reġjun.

Kien hemm qbil li ninfurmaw lir-Reġjun li għadna mingħajr soluzjoni.

46.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

46.3.1 **<u>Breaktime 2023 (35/0152/23/I):</u>**

Il-Kunsill qabel li l-lista tibqa kif inhi u ninfurmawhom illi fi Triq San Gorg hemm xogħol li qed tħaffir fuq il-moll pero` importanti li jibqu jsir matul is-sajf

46.3.2 **<u>Programm tal-Karnival 2023 fil-lokalita tieghek (35/0062/23/I):</u>**

Il-Kunsill qabel peress li għandna il-karnival f'Awwissu.

Kien hemm qbil li niktbu lil Ministeru tal-Kultura jekk hux ser jsir il-Karnival tas-sajf.

46.3.3 **<u>Fondi allokati għal-stray cates għal neutering u servizz ta Veterinarju:</u>**

Il-Kunsill qabel illi l-ewwel naraw f'kontijiet pendenti kien hemm għas-sena 2022 umbgħad jiddiskutu l-ammont li ser ikun allokat għal-*veterinary fee* u *neutering*.

Bħala veterinary fee jigi allokat €25 u l-bqija jitħallas min-naħa ta' minn jieħu l-qattus.

Is-Sindku qal li iltaqa mal-animal steward u dan wara li kkonsulta mal-Viċi Sindku fejn tah rendikont tax-xogħol li għamel bejn il-5 ta' Novembru u 10 ta'Jannar. Huwa qal li dan infurmah li kien hemm 59 qattus li ġew neutered, kien hemm 157 perunsa fuq il-promenade li twafqu minħabba il-klieb li ġew iċċekjati għal microchip li kellhom u 39 li ma kellhomx. Is-Sindku qal li hemm xi erbgħa feeders li hemm bżonn tkellimom il-Viċi Sindku u anke kien hemm xi qżieqeż li mhux irreġistrati n-naħa tal-bidni. Huwa qal li infurmah ukoll li sab xi qżieqeż mhux reġistrati u ġiel li-sid biex jinkonformi ruħu mal-liġi. Dan ir-razzett jinsab in-naħa tal-bidni.

Il-Viċi Sindku talbet sabiex jibgħat dan ir-rapport bil-miktub sabiex tkun tista tgħatih *feed back* fuqu

**46.4 <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**46.5 <u>Rapporti:</u>**

**46.6 <u>Rapport ta' Kull Kwart ir-raba wieħed (Settembru sa Diċembru 2022):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sal-laqgħa li jmiss irridu napprovaw l-*audited financial statements* qabel it-23 ta' Frar 2022.

IS-Segretarju Eżekuttiv spjega ir-rapport.

Is-Sindku approva ir-rapport ta' kull kwart u l-Viċi Sindku ssekondat dan ir-rapport. Il-votazzjoni kient 9 favur, 0 astenzjoni u 0 kontra.

Kien hemm diskussjoni għaliex tal-klabb tal-boċċi qed jgħid illi il-medda tad-drenaġġ tiegħu tkissret meta sar id-drenaġġ tal-Kunsill.

Is-Sindku nfurmarhom illi l-Perit tal-Bava flimkien mal-WSC u sid il-klabb tal-bocci u anke jkun hemm rappreżentant tal-Kunsill ser jiltaqu fuq il-post.

**46.7 <u>Korrispondenza:</u>**

**46.7.1 <u>Work plan tas-servizz tal-gbir tal-iskart fil-lokalita'(35/4994/22/I)</u>**

Din ġiet diskussa iktar kmieni f'din is-seduta.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi qabel il-*bins* tad-dawra tal-*promenade* kienu jitbattlu mill-kuntrattur tal-iskart u issa bl-iskeda l-ġdida mhux ser jibqu u allura ser jitbattlu mill-kuntrattur tal-knies. Is-Sindku spjega illi biex isir dan wieħed mir-raba kennies li hemm qed jibattal dawn l-sikips u għaldatstant intalbet kwotazzjoni lil *cleansing* sabiex jibdew jbattluhom huma l-*iskips* tal-promenade.

Is-Segretarju spjega kif ser jibda jħallas il-Kunsill għas-servizz tal-iskart.

**46.7.2 <u>Non observant notifications minghand il-Wasteserv (35/9973/22/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan qed jirreferi għal kuntrattur tal-R&A.

**46.7.3 <u>Batuca Beat Band and dances (35/0028/23/I):</u>**

Din ġiet diskussa iktar kmieni f'din is-seduta.

**46.7.4 Performance Bonus tal-iskrivani tal-Kunsill u Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2022**

Kien hemm qbil li jingħata l-massimu tal-persentaġġ għal-iskrivani tal-Kunsill u għas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku qal ukoll illi ħaddiema tal-kommunita mexjin ukoll bħala xogħol.

**46.7.5 Żieda tas-Sinjura Claire Attard li ser tiprogressa fi Skala 10 point 4**

Kien hemm qbil dwar dan.

**46.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**46.8.1** Il-Kunsillier John B Camilleri tkellem fuq pagament 4531 għaliex hu f'dan l-aħħar xahar ma ra l-ebda progress. Huwa qal illi s-servizz qatt ma kien daqshekk ħażin. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kompla jispjega illi illum mar għamel dawra mal-lokal u kullimkien b'ħaxix għoli ħafna li jidher li ilhu ma jinqata.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Pierre waħdu ma jistax jkun li fi żmien xahar jġib il-lokal tajba kif suppost u allura hemm bżonn li Keith jkompli jaqta il-ħaxix.

Ġie spjegat illi l-invoices tal-kuntratturi titressaq għas-seduta wara li jkolla iċ-ċeritifikazzjoni tal-*contracts manager* jew tal-Perit .

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jekk il-pagament tal-Progressive huwa iċċertifikat mingħand il-*contracts manager* allura hu mhux ser japporvah għaliex hemm xi ħaġa li mhux tikwadra

Is-Segretarju Eżekuttiv kellem lil *contracts manager* sabiex l-għada Keith jagħmel Ġnien David Vella u l-ġurnata ta' wara jgħamel is-soft area ta' ħdejn il-luzzu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li talab lil kuntrattur tal-knies sabiex għal dawn is-sitt xhur li ġejjin jgħatina ħaddiem extra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ilhu xhur jħambaq li xogħol qed jibqa ma jsirx minn xahar għal xahar.

Kien hemm qbil li issir lista tal-ġonna u soft areas u kull xahar il-*contracts manager* jippreżenta din il-lista immarkata fejn sar u fejn ma sarx ix-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kemm jista jkun il-kuntratti jinqatgħu.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li l-iżball li jsir huwa li l-Kunsill wara li jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur li xogħol mhux issir mhux qed japlikaw id-default notice.

**46.8.2** ***Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-pagamenti li daħlu tard.***

1. Correct Termination inv no CTL21122 li jammonta għal €2124.00 online streaming 2022
2. Mr. Giovanni Camilleri inv no 262 li jammonta għal €440 blacksmith works
3. Mr. Giovanni Camilleri inv no 260 li jammonta għal €680 blacksmith works
4. Mr. Giovanni Camilleri inv no 259 li jammonta għal €363 blacksmith works
5. Mr. Giovanni Camilleri inv no 261 li jammonta għal €660.00 blacksmith works

Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti b'urġenza sakemm jkun hemm l-approvazzjoni tal-contracts manager fejn applikabli.

***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u s-Sindku issekonda pero b'riserva fir-rigward tal-kuntratt tal-ġonna sabiex il-laqgħa li jmiss tiġi preżentata lista ta' dan ix-xogħol li sar u li ma sarx. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni għal pagamenti kollha eskluż pagamenti 4531. Fir-rgward tal-pagamenti nru 4531 il-votazzjoni kienet 8 favur, 1 kontra, 0 astenzjoni***

**46.9 Mozzjonijiet:**

**46.9.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- s-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud (126 – 10/01/23):**

*"Jipproponi li t-triq il-ġdida il fuq minn Sqaq Ħarruba ntuwha isem. Ezempju Triq il-Ħarruba."*

Kien hemm qbil li tissemma Triq il-Ħarruba.

**46.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 17 ta' Jannar 2022.

| | |
|---|---|
| ***IFFIRMAT*** | ***IFFIRMAT*** |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |